



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2022
COM(2022) 263 final

2022/0177 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tirtatifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea,
l-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-
Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Polonja, iċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Russja u l-Istati Uniti ffirmaw il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali (“CCBSP” jew “il-Konvenzjoni”) fl-1994. Il-Konvenzjoni għandha l-għanijiet li ġejjin: (i) li tistabbilixxi reġim internazzjonali għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-aħjar użu tar-riżorsi tal-pollakkju fiż-Żona tal-Konvenzjoni; (ii) li jiġu restawrati u miżmuma r-riżorsi tal-pollakkju fil-Baħar Bering f'livelli li jippermettu r-rendiment massimu sostenibbli tagħhom; (iii) li tikkoopera fil-ġbir u l-eżami ta' informazzjoni fattwali dwar il-pollakkju u riżorsi ħajjin oħra tal-baħar fil-Baħar Bering; u (iv) li tipprovdi, jekk il-Partijiet jaqblu, forum li fih jikkunsidraw l-istabbiliment ta' miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni meħtieġa għar-riżorsi ħajjin tal-baħar minbarra l-pollakkju fiż-Żona tal-Konvenzjoni kif jista' jkun meħtieġ fil-futur.

Is-sajd kummerċjali fiż-Żona tal-Konvenzjoni, li laħaq il-quċċata tiegħu fl-1989 b'qabdiet sa 1 447 600 tonnellata fis-sena, ilu magħluq mill-1993 b'moratorju. Il-moratorju kontinwu huwa appoġġat minn evidenza xjentifika, li indikat b'mod konsistenti rkupru kajman ħafna tal-istokkijiet tal-pollakkju. Madankollu, is-sajd kummerċjali jkompli fiż-żoni ekonomiċi esklużivi fl-Istati Uniti u tar-Russja.

Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni

Il-Polonja ilha parti kontraenti għal din l-organizzazzjoni mill-1994. Wara li l-Polonja ssieħbet fl-UE fl-2004, ġie stabbilit li l-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali jiġu ġestiti mill-UE bis-saħħa tal-Artikolu 6(9), il-paragrafu 1 tal-Att tal-Adeżjoni. Madankollu, bħalissa, it-test tal-Konvenzjoni jipprevedi biss is-sħubija tal-Istati. Għalhekk jenħtieġ li jiġi emendat biex l-UE tkun tista' ssir parti kontraenti bħala organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika. B'Deċiżjoni tal-Kunsill, ir-Repubblika tal-Polonja ġiet awtorizzata tinnegozja, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, emenda għall-Konvenzjoni li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala parti sħiħa għall-Konvenzjoni. Għal dan il-għan, ir-Repubblika tal-Polonja pproponiet emenda għall-Konvenzjoni sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika u sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' ssir parti għall-Konvenzjoni Ir-Repubblika tal-Polonja pproponiet l-emenda għall-Konvenzjoni lid-Depożitarju tal-Konvenzjoni f'Ottubru 2016. Fl-2017 id-Depożitarju baġhat l-emenda lill-Partijiet Kontraenti.

Implikazzjonijiet tas-sħubija fl-UE

Hemm implikazzjonijiet limitati għas-sħubija tal-UE fil-Konvenzjoni minħabba li s-sħubija ma teħtieġ l-ebda kontribuzzjoni baġitarja (l-organizzazzjoni ma għandhiex Segretarjat), u l-moratorju mistenni li jkompli fil-futur qrib. Madankollu, jekk iż-żona terġa' tinfetaħ għas-sajd, ir-rwol tal-UE jkun li tippromwovi l-prinċipji u l-istandards tal-Politika Komuni tas-Sajd f'din l-organizzazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-adozzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni bbażati fuq l-aqwa xjenza.

L-interess tal-UE fil-Konvenzjoni joħroġ mir-responsabbiltà tagħha biex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-baħar ħajjin fl-UE u barra minnha.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) huma: organizzazzjonijiet internazzjonali tal-pajjiżi, li wħud minnhom huma stati kostali; organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika, bħall-UE; u korpi tas-sajd b'interessi fis-sajd f'żona partikolari. Uħud mill-RFMOs għandhom il-ġestjoni tal-istokkijiet kollha tal-ħut f'żoni speċifiċi, filwaqt li oħrajn jikkonċentraw fuq speċijiet partikolari migratorji ħafna, partikolarment it-tonn, f'żoni ġeografiċi vasti. Filwaqt li xi wħud huma purament konsultattivi, ħafna minnhom għandhom setgħat ta' ġestjoni biex jistabbilixxu limiti ta' qbid u limiti tal-isforz tas-sajd, miżuri tekniċi u obbligi ta' kontroll.

F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Parteċipazzjoni fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd (RFOs)"¹, l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd², u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 rigward il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-"Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd"³, l-UE, irrappreżentata mill-Kummissjoni, għandha rwol attiv f'sitt organizzazzjonijiet tat-tonn u fi 11-il organizzazzjoni mhux tat-tonn.

Il-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"⁴ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 dwar dik il-Komunikazzjoni Konġunta, jippromwovu miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effikaċja tal-RFMOs u, skont kif ikun rilevanti, għat-titjib tal-governanza tagħhom. Din hija karatteristika ċentrali tal-azzjoni tal-UE f'dawn il-fora.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni hija kompletament konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 rigward il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-"Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030"⁵.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli.

¹ COM(1999) 613 final tat-8.12.1999.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

³ COM(2011) 424 finali tat-13.7.2011.

⁴ JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

⁵ COM(2020) 380 final tal-20.5.2020.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi proposta mill-Kummissjoni biex il-Kunsill jadotta din id-Deċiżjoni, bil-kunsens tal-Parlament Ewropew.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tirratifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea (l-“Unjoni”) hija Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982², li fost affarijiet oħrajn, tirrikjedi li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkooperaw fil-ġestjoni u fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.
- (2) L-Unjoni hija wkoll Parti Kontraenti tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi³.
- (3) Skont l-Artikolu 3(1)(d) u 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-Politika Komuni tas-Sajd. Is-setgħat mogħtija lill-Unjoni fil-livell intern jinkludu wkoll is-setgħa tal-Unjoni li tikkoopera f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż fil-qafas ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd.
- (4) Ir-Repubblika tal-Polonja hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali (“il-Konvenzjoni”). L-Unjoni mhijiex parti għall-Konvenzjoni. Bis-saħħa tal-Artikolu 6(9) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-

¹ ĠU C p.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.).

Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovacka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea⁴, mid-data tal-adeżjoni, il-ftehimiet dwar is-sajd konklużi mill-Istati Membri l-ġodda ma' pajjiżi terzi għandhom jiġu ġestiti mill-Unjoni. Kwalunkwe deċiżjoni stabbilita skont il-Konvenzjoni msemmija jenħtieġ li tiġi implimentata fl-ordni legali tal-Unjoni.

- (5) Huwa fl-interess tal-Unjoni li taqdi rwol effikaċi fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Tali azzjoni tippromwovi wkoll il-konsistenza fl-approċċ tal-Unjoni rigward il-konservazzjoni fl-oċeani kollha u ssaħħaħ l-impenn tagħha lejn il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fil-livell globali.
- (6) B'Deċiżjoni tal-Kunsill⁵ ir-Repubblika tal-Polonja ġiet awtorizzata tinnegozja, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, emenda għall-Konvenzjoni li tippermetti l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala parti sħiħa għall-Konvenzjoni. Għal dan il-għan, ir-Repubblika tal-Polonja kellha ttipponi emenda għall-Konvenzjoni sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika u sabiex l-Unjoni Ewropea tkun tista' ssir parti għall-Konvenzjoni.
- (7) Ir-Repubblika tal-Polonja pproponiet l-emenda msemmija hawn fuq għall-Konvenzjoni lid-Depożitarju tal-Konvenzjoni f'Ottubru 2016.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Repubblika tal-Polonja tiġi awtorizzata tirtatifika l-emenda għall-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Polonja hija b'dan awtorizzata tirtatifika, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-emenda għall-Artikolu XVI.4 tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali li tippermetti lill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika jsiru parti għal dik il-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill

Il-President

⁴ It-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovacka, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovacka mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 17-930).

⁵ Id-Deċiżjoni AGRIFISH tal-Kunsill tal-11 ta' April 2016, numru 7277/16 (mhux ippubblikata).